KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-3 ta' Settembru 2020[1]

Kawża C-604/19

Gmina Wrocław
vs
Dyrektor Krajowej informacji Skarbowej

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali ta' Breslau, il-Polonja))

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud – Direttiva 2006/112 – Artikolu 14(2)(a) – Kunċett ta' 'kunsinna' ta' oġġetti – Konverżjoni ta' użufrutt perpetwu għal dritt għall-proprjetà skont il-liġi – Trasferiment tas-setgħa li wieħed jiddisponi minn beni tanġibbli bħala proprjetarju – Kunsinna fittizzja – Komun bħala persuna taxxabbli meta dan jiġbor tariffi relatati ma' konverżjoni prevista mil-liġi"

I. Introduzzjoni

1. F'din il-proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina t-trattament, fir-rigward tal-VAT, ta' akkwist legali ta' proprjetà inkambju għall-ħlas ta' tariffa għal konverżjoni. F'dan il-każ, artijiet kienu suġġetti għal dritt *in rem* partikolari (għall-użufrutt perpetwu). Dan kellu bħala konsegwenza li l-"proprjetarju ekonomiku", li kien juża l-proprjetà immobbli bħala proprjetarju, u l-"proprjetarju formali", li l-art kienet tiegħu abbażi tad-dritt ċivili, kienu persuni differenti. Tariffi mħallsa mid-detentur tad-dritt ta' użufrutt perpetwu lill-proprjetarju tal-art kienu suġġetti għall-VAT Pollakka.

2. Madankollu, fil-kuntest ta' riforma fuq il-mertu, il-proprjetarji preċedenti ta' dawn l-artijiet tilfu, skont il-liġi, il-proprjetà tagħhom lid-detenturi tad-dritt ta' użufrutt perpetwu. Dawn tal-aħħar huma obbligati jkomplu jħallsu l-pagamenti annwali għall-użufrutt perpetwu għal 20 sena jew li jħallsu l-istess ammont f'pagament wieħed. It-tariffi miġbura mill-proprjetarji preċedenti huma suġġetti wkoll, bħala tali, għall-VAT?

3. F'dan il-każ, kienu inkwistjoni artijiet li jappartjenu lil komun. Għalhekk, għad irid jiġi ddeterminat jekk, f'dan il-każ, il-komun aġixxiex bħala persuna taxxabbli jew fil-kuntest ta' attività ta' awtorità pubblika, b'tali mod li ebda VAT ma hija dovuta.

1 Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

4. L-Artikoli 2, 9, 13, 14 kif ukoll 24 u 25 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT")[2], jiddeterminaw il-kuntest ġuridiku tal-Unjoni Ewropea.

5. L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva dwar il-VAT jissuġġetta għall-VAT il-kunsinna ta' oġġetti magħmula bi ħlas (punt a) kif ukoll il-provvista ta' servizzi bi ħlas (punt ċ).

6. Mill-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT jirriżulta li titqies bħala "persuna taxxabbli" kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun xi jkun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

7. L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-VAT jipprevedi eċċezzjoni għall-issuġġettar għat-taxxa ta' ċerti attivitajiet tal-korpi rregolati mid-dritt pubbliku:

"1. Stati, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali u korpi oħra rregolati bid-dritt pubbliku m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala persuni taxxabbli fir-rigward ta' l-attivitajiet jew transazzjonijiet li huma jagħmlu bħala awtoritajiet pubbliċi, ukoll meta jiġbru drittijiet, tariffi, kontribuzzjonijet jew ħlasijiet marbuta ma' dawk l-attivitajiet jew transazzjonijiet.

Iżda, meta jidħlu biex jagħmlu dawn l-attivitajiet jew transazzjonijiet, huma għandhom jiġu kkunisdrati bħala persuni taxxabbli fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet jew transazzjonijiet fejn it-trattament tagħhom bħala persuni mhux taxxabbli jikkawża distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni.

F'kwalunkwe każ, korpi rregolati mid-dritt pubbliku għandhom jiġu kkunisdrati bħala persuni taxxabbli fir-rigward ta' l-attivitajiet elenkati fl-Anness I, sakemm dawk l-attivitajiet ma jkunux twettqu fuq skala tant żgħira li jkunu insinifikanti."

8. L-Artikolu 14(1) u (2) tad-Direttiva dwar il-VAT jipprovdi meta jkun hemm kunsinna:

"1. 'Provvista ta' merkanzija' għandha tfisser it-trasferiment tad-dritt ta' sid li jiddisponi minn proprjetà tanġibbli.

2. Flimkien mat-transazzjonijiet imsemmija fil–paragrafu 1, kull waħda minn dawn li ġejjin għandha tiġi kkunisdrata bħala provvista ta' merkanzija:

(a) it-trasferiment, b'ordni ta' jew f'isem awtorità pubblika jew skond il-liġi, tad-dritt ta' proprjetà bi ħlas ta' kumpens;

(b) il-konsenja materjali ta' merkanzija skond kuntratt għall-kiri ta' merkanzija għal ċertu żmien, jew għall-bejgħ ta' merkanzija bi ħlas akkont, li jipprovdi li normalment proprjetà għandha tgħaddi mhux aktar tard minn meta jsir l-aħħar ħlas akkont;

(ċ) it-trasferiment ta' merkanzija skond kuntratt li bih titħallas kummissjoni meta jsir xiri jew bejgħ."

2 ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

9. L-Artikolu 24(1) tad-Direttiva dwar il-VAT jiddefinixxi l-provvista ta' servizzi kif ġej:

"1. 'Provvista ta' servizzi' għandha tfisser kwalunkwe operazzjoni li ma tikkostitwix provvista ta' merkanzija."

10. L-Artikolu 25(ċ) tad-Direttiva dwar il-VAT jipprovdi:

"Provvista ta' servizzi tista' tikkonsisti, *inter alia*, f'waħda mit-Transazzjonijiet li ġejjin:

[…]

(ċ) it-twettiq ta' servizzi skond ordni magħmula minn jew f'isem awtorità pubblika jew skond il-liġi."

B. Id-dritt Pollakk

11. Dawn ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni ġew trasposti fid-dritt Pollakk permezz tal-ustawa o podatku od towarów i usług (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Oġġetti u s-Servizzi), tal-11 ta' Marzu 2004[3]. L-Artikolu 7(1) tal-Liġi dwar il-VAT jipprovdi:

"Il-kunsinna ta' oġġetti, li hemm riferiment għaliha fil-punt 1 tal-Artikolu 5(1), tkopri t-trasferiment tas-setgħa li wieħed jiddisponi minn oġġetti bħala proprjetarju, inkluż:

1) it-trasferiment, skont rekwiżitorja magħmula mill-awtorità pubblika jew minn entità li taġixxi f'isem din l-awtorità, jew it-trasferiment, skont il-liġi, tal-proprjetà ta' oġġetti permezz ta' ħlas ta' kumpens; […]

6) l-għoti ta' użufrutt perpetwu fuq artijiet."

12. Id-dritt ta' użufrutt perpetwu huwa rregolat mill-ustawa o gospodarce nieruchomościami (il-Liġi dwar il-Ġestjoni tal-Proprjetajiet Immobbli[4]. Skont l-Artikolu 12(1) tal-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tal-Proprjetajiet Immobbli, il-pagamenti dovuti mill-użufruttwarju perpetwu huma rregolati mid-dritt privat.

13. Skont l-Artikolu 32(1) tal-Liġi dwar il-Ġestjoni tal-Proprjetajiet Immobbli, l-art li fuqha jkun ġie mogħti użufrutt perpetwu tista' tinbiegħ biss lill-użufruttwarju perpetwu.

14. L-Artikolu 32(2) tal-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tal-Proprjetajiet Immobbli jippreċiża li d-dritt ta' użufrutt perpetwu mogħti minn qabel jispiċċa mal-konklużjoni ta' kuntratt ta' bejgħ tal-art skont il-liġi.

15. Skont l-Artikolu 69 tal-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tal-Proprjetajiet Immobbli, il-prezz tax-xiri li għandu jitħallas mill-użufruttwarju perpetwu jinkludi l-ammont li jikkorrispondi għall-valur tal-użufrutt perpetwu fuq din il-proprjetà immobbli, fil-jum tal-bejgħ.

16. L-ustawa o przekształceniu prawa użytkowania wieczystego gruntów zabudowanych na cele mieszkaniowe w prawo własności tych gruntów (il-Liġi dwar il-Konverżjoni tad-Dritt ta' Użufrutt Perpetwu fuq l-Artijiet Mibnija għal Finijiet ta' Abitazzjoni għad-Dritt għall-Proprjetà fuq dawn l-Artijiet) tal-20 ta' Lulju 2018[5] tipprevedi, fl-Artikolu 1(1) tagħha, li d-dritt ta' użufrutt perpetwu fuq artijiet mibnija għal finijiet ta' abitazzjoni huwa kkonvertit għal dritt għall-proprjetà fuq dawn l-artijiet mill-1 ta' Jannar 2019.

3 Iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-VAT".

4 Tal-21 ta' Awwissu 1997.

5 Iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Konverżjoni".

17. L-Artikolu 7 tal-Liġi dwar il-Konverżjoni jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar it-tariffa dovuta. Skont il-punt 2, it-tariffa tikkorrispondi għat-tariffa annwali dovuta għall-użufrutt perpetwu. Il-punt 6 jippreċiża li l-ħlas annwali għandu jsir matul perijodu ta' 20 sena mid-data tal-konverżjoni. Il-punt 7 jagħti l-possibbiltà, fuq talba, tal-istess ammont f'pagament wieħed. L-Artikolu 12(2) tal-Liġi dwar il-Konverżjoni jirrendi applikabbli l-Artikolu 12(a) tal-Liġi dwar il-Ġestjoni tal-Proprjetajiet Immobbli.

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża

18. It-tilwima li wasslet għat-talba għal deċiżjoni preliminari hija bbażata fuq talba mressqa mill-komun ta' Wrocław (Breslau, il-Polonja) (ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, iktar 'il quddiem ir-"rikorrent") quddiem id-Dyrektor Krajowej Informacji Skarbowej (id-Direttur tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Informazzjoni dwar it-Taxxa, iktar 'il quddiem l-"Awtorità tat-Taxxa") għal interpretazzjoni tad-dritt fiskali.

19. Ir-rikorrent huwa korp irregolat mid-dritt pubbliku, iżda huwa rreġistrat ukoll bħala persuna effettivament suġġetta għall-VAT. Huwa kien il-proprjetarju ta' proprjetà immobbli suġġetta għal użufrutt perpetwu favur terzi.

20. L-użufrutt perpetwu huwa dritt *in rem* tal-użu, għal żmien determinat, ta' proprjetà immobbli li jagħti lid-detentur sitwazzjoni analoga għal dik ta' proprjetarju. L-użufruttwarju perpetwu jħallas lill-proprjetarju tariffa annwali matul l-użufrutt perpetwu. Il-partijiet kollha jaqblu fuq il-fatt li l-kostituzzjoni ta' tali użufrutt perpetwu għandha tiġi kklassifikata bħala kunsinna mwettqa bi ħlas skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) flimkien mas-sitt subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tal-Liġi dwar il-VAT. Jidher ukoll li jeżisti qbil fuq il-fatt li l-komun irċieva l-ħlasijiet magħmula mill-użufruttwarju perpetwu bħala persuna taxxabbli.

21. Abbażi tal-Liġi dwar il-Konverżjoni, id-dritt għall-proprjetà tal-proprjetà immobbli ġie ttrasferit lill-użufruttwarju perpetwu mill-1 ta' Jannar 2019. Il-proprjetarji preċedenti jirċievu, bħala korrispettiv, ħlas annwali fuq perijodu ta' 20 sena. L-ammont tar-rata annwali jikkorrispondi eżattament għal dak li tħallas kull sena sa dak iż-żmien għall-użufrutt perpetwu. Fuq talba, il-ħlas ta' tariffa għall-konverżjoni jista' jsir ukoll f'pagament wieħed.

22. Ir-rikorrent staqsa lill-awtoritajiet tat-taxxa jekk dawn it-tariffi kinux ukoll suġġetti għall-VAT. Permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Jannar 2019, l-awtorità tat-taxxa wieġbet din il-mistoqsija fl-affermattiv. Fil-konverżjoni tad-dritt hija tara l-kontinwazzjoni tal-kunsinna inizjalment imwettqa bl-għoti tad-dritt ta' użufrutt perpetwu. Sussegwentement, it-tranżazzjoni tat-trasferiment ta' proprjetà jkollha l-istess l-effett ġuridiku bħall-użufrutt perpetwu.

23. Ir-rikorrent ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali ta' Breslau, il-Polonja). Fil-fehma tiegħu, il-ħlas ta' tariffa għall-konverżjoni ma jaqax taħt il-VAT. L-użufruttwarju perpetwu jkun akkwista, mill-użufrutt perpetwu stess, pożizzjoni simili għal dik ta' proprjetarju u, għaldaqstant, is-setgħa ta' dispożizzjoni ekonomika fuq il-proprjetà immobbli. Fil-każ li l-użufrutt perpetwu jiġi kkonvertit għal dritt għall-proprjetà, l-istess art ma tistax terġa' tkun is-suġġett ta' kunsinna. Barra minn hekk, f'dan il-każ, huwa aġixxa fil-kuntest ta' attività mhux taxxabbli ta' awtorità pubblika.

IV. Domandi preliminari

24. Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Ġunju 2019, il-Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali ta' Breslau, il-Polonja) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi li ġejjin:

"1. Il-konverżjoni ta' użufrutt perpetwu fuq beni immobbli għal dritt ta' proprjetà li seħħet, bħal f'dan il-każ, abbażi tal-liġi tikkostitwixxi kunsinna ta' oġġetti, fis-sens tal-Artikolu 14(2)(a), moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, suġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud?

2. Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, il-konverżjoni ta' użufrutt perpetwu fuq beni immobbli għal dritt ta' proprjetà li seħħet abbażi tal-liġi tikkostitwixxi kunsinna ta' oġġetti, fis-sens tal-Artikolu 14(1) moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2006/112, suġġetta għall-VAT?

3. Meta jitħallas tariffi abbażi tal-konverżjoni ta' użufrutt perpetwu fuq beni immobbli għal dritt ta' proprjetà, bħal f'dan il-każ, Gmina (komun) ikun qiegħed jaġixxi bħala persuna taxxabbli fis-sens tal-Artikolu 9(1) moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2006/112 jew bħala awtorità pubblika fis-sens tal-Artikolu 13 tal-istess direttiva?"

25. Fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikorrenti, ir-Repubblika tal-Polonja u l-Kummissjoni Ewropea ssottomettew l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom.

V. L-analiżi ġuridika

A. Fuq id-domandi preliminari

26. Essenzjalment, permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-konverżjoni tal-użufrutt perpetwu għal dritt għall-proprjetà skont il-liġi hijiex suġġetta għall-VAT meta tariffa stabbilita mil-liġi tkun dovuta bħala korrispettiv mill-proprjetarju l-ġdid. Sa fejn dawn is-sitwazzjonijiet jikkonċernaw proprjetajiet immobbli li huma prinċipalment artijiet li jappartjenu lil korpi rregolati mid-dritt pubbliku, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, permezz tat-tielet domanda tagħha, jekk il-komun aġixxiex xorta waħda bħala persuna taxxabbli.

27. L-ewwel żewġ domandi jistgħu jingħataw risposta konġunta. Madankollu, sa fejn dawn jirrigwardaw espressament il-punt dwar jekk il-konverżjoni tad-dritt tal-użufrutt perpetwu tikkostitwixxix kunsinna ta' oġġetti fis-sens tal-Artikolu 14(2)(a) jew tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, għandu jitfakkar dan li ġej.

28. Il-konstatazzjoni li tidher li ġiet adottata mill-qorti tar-rinviju abbażi tal-ewwel żewġ domandi, li tgħid li l-issuġġettar għall-VAT jiddependi, f'dan il-każ, mill-eżistenza ta' kunsinna, hija żbaljata. Huma kkunsidrati bħala tranżazzjonijiet taxxabbli mhux biss il-kunsinni ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT, moqri flimkien mal-Artikolu 14 tagħha, iżda wkoll il-provvisti ta' servizzi msemmija fl-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva dwar il-VAT, moqri flimkien mal-Artikolu 24 tagħha. Id-Direttiva dwar il-VAT tkopri bħala servizz, dak kollu li ma jikkostitwixxix kunsinna (Artikolu 24(1) tad-Direttiva dwar il-VAT).

29. Id-distinzjoni li tgħid li tranżazzjoni taxxabbli hija kunsinna jew provvista ta' servizzi hija sinjifikattiva f'dak li jirrigwarda l-post tal-provvista, il-mument tal-provvista u r-rata ta' taxxa. Madankollu, hija irrilevanti għall-kwistjoni dwar jekk il-VAT hijiex, bħala prinċipju, eżiġibbli. Għaldaqstant, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, dawn id-domandi jeħtieġu ċerta preċiżjoni.

30. B'mod iktar preċiż, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, fir-realtà, jekk it-trasferiment legali tal-proprjetà bil-ħlas ta' tariffa għall-konverżjoni jikkostitwixxix tranżazzjoni taxxabbli (kunsinna jew provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas) (ara taħt B) u jekk, f'dan ir-rigward, ir-rikorrent aġixxiex bħala persuna taxxabbli (ara taħt C). Jekk dan ikun il-każ, il-konverżjoni tad-dritt ta' użufrutt perpetwu għal dritt għall-proprjetà skont il-liġi b'tariffa għall-konverżjoni, fl-assenza ta' eżenzjoni, hija suġġetta għall-VAT.

B. Fuq l-ewwel u t-tieni domanda: il-konverżjoni tad-dritt għal użufrutt perpetwu fi dritt għall-proprjetà bħala tranżazzjoni taxxabbli (kunsinna jew provvista ta' servizzi bi ħlas)

31. F'dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni domanda, jidhirli li huma possibbli żewġ soluzzjonijiet. Minn naħa, din tista' tirrigwarda żewġ atti iżolati: l-għoti tad-dritt għal użufrutt perpetwu fuq l-art u l-akkwist tal-proprjetà fuq din l-art skont il-liġi. Jekk dan tal-aħħar ma jkunx kunsinna, il-konverżjoni fi dritt għall-proprjetà tikkostitwixxi provvista ta' servizzi (ara taħt 1.). Min-naħa l-oħra, din il-konverżjoni tista' tirrigwarda, meta tiġi kkunsidrata globalment minn lenti ekonomika, bħala kontinwazzjoni tad-dritt għal użufrutt perpetwu billi l-liġi dwar il-konverżjoni testendi *a posteriori* l-oġġett tal-kunsinna (ara taħt 2.).

32. Ikun xi jkun l-approċċ (teħid inkunsiderazzjoni iżolat jew ekonomiku globali) li jista' jiġi segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja, fiż-żewġ każijiet, din hija tranżazzjoni taxxabbli. Il-kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT imqajma mill-qorti tar-rinviju, għalhekk, essenzjalment, ma tqumx (ara taħt 3.).

1. Teħid inkunsiderazzjoni b'mod iżolat tat-trasferiment tal-proprjetà

33. Minn perspettiva formali, il-proprjetarju l-ewwel jittrasferixxi lill-użufruttwarju perpetwu s-setgħa ta' dispożizzjoni tal-proprjetà immobbli, li tikkostitwixxi kunsinna suġġetta għall-VAT fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT. Sussegwentement, id-dritt ta' użufrutt perpetwu jiġi kkonvertit għal dritt għall-proprjetà skont il-liġi. Jekk il-konverżjoni ma tikkostitwixxix kunsinna, peress li s-setgħa ta' dispożizzjoni diġà tkun ġiet ittrasferita lid-detentur tad-dritt ta' użufrutt perpetwu, fi kwalunkwe każ, din hija provvista ta' servizzi taxxabbli skont l-Artikolu 24(1) tad-Direttiva dwar il-VAT.

34. Fil-fatt, huma taxxabbli bħala provvisti ta' servizzi, skont l-Artikolu 24(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, dawk it-tranżazzjonijiet li ma jikkostitwixxux kunsinna ta' oġġetti. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, provvista ta' servizzi taxxabbli magħmula bi ħlas teżiġi biss li bejn il-prestatarju u l-benefiċjarju teżisti relazzjoni ġuridika li matulha jkun hemm skambju ta' servizzi reċiproċi, fejn il-ħlas li jirċievi l-prestatarju jkun il-korrispettiv effettiv tas-servizz mogħti lill-benefiċjarju[6]. Dan ikun il-każ jekk teżisti rabta diretta bejn is-servizz ipprovdut u l-korrispettiv irċevut[7].

6 Ara, fl-aħħar nett, is-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 2020, Vodafone Portugal (C-43/19, EU:C:2020:465, punt 31), tal-11 ta' Marzu 2020, San Domenico Vetraria (C-94/19, EU:C:2020:193, punt 21), kif ukoll prinċipalment dik tat-3 ta' Marzu 1994, Tolsma (C-16/93, EU:C:1994:80, punt 14).

7 Sentenzi tat-22 ta' Novembru 2018, MEO - Serviços de Comunicações e Multimédia (C-295/17, EU:C:2018:942, punt 39), tat-23 ta' Diċembru 2015, Air France-KLM u Hop!-Brit Air (C-250/14 u C-289/14, EU:C:2015:841, punt 22), u tat-18 ta' Lulju 2007, Société thermale d'Eugénie-les-Bains (C-277/05, EU:C:2007:440, punt 19).

35. F'dan ir-rigward, mhux kull ħlas neċessarjament iwassal għal skambju ta' servizzi taxxabbli. L-impożizzjoni fil-kuntest ta' taxxa fuq il-konsum iseħħ biss fil-każ fejn il-benefiċjarju tas-servizz jikseb ukoll vantaġġ eżiġibbli [8]. Minn dan isegwi li provvista ta' servizzi, fis-sens tal-Artikolu 24(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, tkun nieqsa meta benefiċjarju ma jirċevix ħlas bħala korrispettiv għal servizz partikolari, iżda għal raġunijiet oħra (pereżempju bħala kumpens għal dannu minħabba dewmien [9] jew għal-kumpens għat-telf ta' profitt [10]) [11].

36. F'dan il-każ, huwa kompletament possibbli li jiġi konkluż li jeżisti vantaġġ eżiġibbli għall-użufruttwarju perpetwu preċedenti. Dan ma huwiex għaliex, minn perspettiva ekonomika, l-użufruttwarju perpetwu kien juża l-art bħala proprjetarju, anki qabel il-konverżjoni, meta kien detentur tas-setgħa ta' dispożizzjoni. Min-naħa l-oħra, bħala proprjetarju, huwa jista' mhux biss jieħu l-frott tal-proprjetà immobbli, iżda wkoll jittrasferixxiha lil terzi. Il-konverżjoni tad-dritt ta' użufrutt perpetwu għal dritt għall-proprjetà tikkostitwixxi għalhekk vantaġġ eżiġibbli. Għaldaqstant, jekk dan jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod iżolat, dan huwa servizz fis-sens tal-Artikolu 24(1) tad-Direttiva dwar il-VAT.

2. Fuq il-livell ekonomiku globali: trasferiment ta' proprjetà bħala sempliċi kontinwazzjoni tal-kunsinna inizjali

37. Issa, f'dan il-każ, bi qbil mal-Polonja, nemmen li evalwazzjoni ekonomika globali hija iktar konvinċenti. Kuntrarjament għal dak li jsostni r-rikorrent, il-konverżjoni tad-dritt ta' użufrutt perpetwu għal dritt għall-proprjetà ma hijiex irrilevanti fir-rigward tal-VAT, iżda għandha tiġi evalwata bħala l-kontinwazzjoni ta' kunsinna skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT.

38. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kunsinna tinkludi kull trasferiment ta' oġġett tanġibbli minn parti li tawtorizza lill-parti l-oħra li tiddisponi minnu bħallikieku kien effettivament proprjetà tagħha [12]. Jekk il-benefiċjarju ta' kunsinna ma jistax jiddisponi minn oġġett "bħala proprjetarju", dan ma jeskludix kunsinna jekk huwa jkun jista' tal-inqas jaġixxi "bħala proprjetarju" mal-oġġett [13]. Dan jidher b'mod ċar, fi kwalunkwe każ, f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi tad-Direttiva dwar il-VAT [14].

39. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-prinċipju ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u tal-prinċipju ta' ugwaljanza jirrikjedu interpretazzjoni awtonoma u uniformi tal-kunċetti tad-dritt tal-Unjoni [15]. Din tiġi kompromessa jekk l-eżistenza ta' kunsinna kellha tiddependi mill-akkwist ta' proprjetà fid-dritt ċivili, li jiddependi mill-organizzazzjoni tad-dritt ċivili nazzjonali. Għaldaqstant, l-eżistenza ta' trasferiment ta' proprjetà ma tistax tkun determinanti

8 Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża MEO - Serviços de Comunicações e Multimédia iktar 'il fuq (C-295/17, EU:C:2018:413, punti 35 u 36) wara li ġew kkunsidrati s-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 1997, Landboden-Agrardienste (C-384/95, EU:C:1997:627, punt 13), u tad-29 ta' Frar 1996, Mohr (C-215/94, EU:C:1996:72, punt 20).

9 Sentenza tal-1 ta' Lulju 1982, BAZ Bausystem (222/81, EU:C:1982:256, punt 8, fir-rigward ta' interessi moratorji).

10 Sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Société thermale d'Eugénie-les-Bains (C-277/05, EU:C:2007:440, punt 35 fuq il-kumpens għal telf ta' profitt f'każ li persuna terġa' lura mill-kuntratt).

11 Sentenza tad-29 ta' Frar 1996, Mohr (C-215/94, EU:C:1996:72, punt 21), ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża MEO - Serviços de Comunicações e Multimédia (C-295/17, EU:C:2018:413, punti 35 u 36).

12 Sentenzi tat-2 ta' Lulju 2015, NLB Leasing (C-209/14, EU:C:2015:440, punt 29), tat-18 ta' Lulju 2013, Evita-K (C-78/12, EU:C:2013:486, punt 33), sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, De Fruytier (C-237/09, EU:C:2010:316, punt 24), tal-14 ta' Lulju 2005, British American Tobacco u Newman Shipping (C-435/03, EU:C:2005:464, punt 35), u s-sentenza tat-8 ta' Frar 1990, Shipping and Forwarding Enterprise Safe (C-320/88, EU:C:1990:61, punt 7).

13 Il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Herst (C-401/18, EU:C:2019:834, punt 34).

14 B'hekk, fil-verżjoni Ġermaniża tinqara ("wie ein Eigentümer"), fil-verżjoni Franċiża ("comme un propriétaire"); madankollu, tinqara differenti fil-verżjoni Ingliża ("as owner") u Estonjana ("Kaubatarne on materiaalse vara omanikuna käsutamise õiguse üleminek"). Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Herst imsemmija iktar 'il fuq (C-401/18, EU:C:2019:834, punt 34 fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16).

15 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Oberle (C-20/17, EU:C:2018:485, punt 33), u tad-29 ta' Lulju 2019, B (Dħul mill-bejgħ ta' negozjant ta' vetturi użati) (C-388/18, EU:C:2019:642, punt 30).

għall-kunċett ta' kunsinna [16]. Għaldaqstant, is-setgħa ta' dispożizzjoni fis-sens tal-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-VAT ma tistax tiġi assimilata mal-istatus legali ta' proprjetarju. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-assenza ta' trasferiment ta' proprjetà fid-dritt ċivili ma tipprekludix kunsinna [17].

40. Is-setgħa ta' dispożizzjoni ekonomika diġà kienet akkwistata mill-proprjetarji attwali permezz tat-trasferiment tad-dritt ta' użufrutt perpetwu. L-użufruttwarju perpetwu jista' juża l-proprjetà immobbli bħala proprjetarju. Għaldaqstant, it-trasferiment tal-użufrutt perpetwu huwa ġustament ikklassifikat mill-persuni kkonċernati kollha bħala kunsinna suġġetta għall-VAT skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, b'tali mod li t-tariffi annwali huma suġġetti għall-VAT. Dan tindikah il-qorti tar-rinviju b'mod espliċitu.

41. Madankollu, il-konklużjoni tar-rikorrent li tgħid li l-proċess ta' konverżjoni hija insinjifikattiva fir-rigward tal-VAT hija żbaljata. Sal-lum, il-ħlasijiet annwali tal-użufruttwarji perpetwi lill-proprjetarji kienu ppreżentati bħala korrispettiv għall-kisba tas-setgħa ta' dispożizzjoni tal-art. Għalhekk, huma ġew suġġetti għall-VAT bħala korrispettiv finanzjarju ta' kunsinna ta' oġġetti, skont l-Artikolu 5(1) u l-punt 6 tal-Artikolu 7(7) tal-Liġi dwar il-VAT. Il-fatt li lill-użufruttwarju perpetwu preċedenti jiġi ttrasferit ukoll il-kwalità ta' proprjetarju u li issa huwa jħallas tariffa għall-konverżjoni, minflok il-pagamenti tal-użufrutt, ma huwiex ta' natura li jbiddel it-trattament fiskali tal-pagamenti.

42. Fil-fatt, il-ħlasijiet dejjem jirreferu għall-kunsinna tal-art. L-użufruttwarju preċedenti jkompli jħallas tariffa inkambju għall-kisba tas-setgħa ta' dispożizzjoni tal-art. Il-proċess ta' konverżjoni jinkludi biss bidla fl-oġġett tal-kunsinna. Inizjalment, it-tariffa kienet titħallas għall-użu esklużiv tal-użufrutt perpetwu, filwaqt li issa dan isir għall-użufrutt perpetwu li jiġi kkonvertit għal dritt għall-proprjetà.

43. Dan huwa muri b'mod ċar ukoll mill-forma tat-tariffa għall-konverżjoni, kif tenfasizza ġustament il-Polonja. L-użufruttwarju perpetwu preċedenti jkompli, għalkemm f'kundizzjonijiet emendati, iħallas il-pagamenti dovuti skont l-użufrutt perpetwu. L-ammont eżatt tat-tariffa mħallsa fil-kuntest tal-konverżjoni għal dritt għall-proprjetà jikkorrispondi għal dak li kieku għandu jitħallas għall-użufrutt perpetwu fis-sena.

44. Madankollu, jekk skont l-Artikolu 7(7) tal-Liġi dwar il-Konverżjoni, teżisti l-possibbiltà, fuq talba, ta' pagament wieħed tal-istess ammont jew jekk, skont l-Artikolu 7(6) tal-Liġi dwar il-Konverżjoni, huwa ffissat limitu massimu ta' 20 pagamenti annwali, dan ikun jikkonċerna biss skema ta' modalitajiet ta' ħlas. Xorta jibqa' l-fatt li l-bażi legali għall-ħlas ma tinbidilx. Jidher li l-għan tal-liġi dwar il-konverżjoni huwa biss li tingħeleb is-separazzjoni li teżisti bejn il-proprjetà formali u l-proprjetà materjali. Kemm l-obbligu ta' ħlas kif ukoll l-ammont tat-tariffa jirriżultaw mit-trasferiment inizjali tal-użufrutt perpetwu u għandhom, għalhekk, jitqiesu bħala t-tariffa għal din il-kunsinna minn perspettiva ekonomika.

3. Kunsinna fis-sens tal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva dwar il-VAT?

45. Għaldaqstant, ikun xi jkun l-approċċ adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT, li tipprovdi li t-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà ta' oġġett skont il-liġi huwa kkunsidrat bħala kunsinna permezz tal-ħlas ta' kumpens, hija irrilevanti. Fi kwalunkwe każ, din hija tranżazzjoni taxxabbli.

16 Sentenzi tat-13 ta' Ġunju 2018, Gmina Wrocław (C-665/16, EU:C:2018:431, punt 39), tat-2 ta' Lulju 2015, NLB Leasing (C-209/14, EU:C:2015:440, punt 29), tas-16 ta' Frar 2012, Eon Aset Menidjmunt (C-118/11, EU:C:2012:97, punt 39), tas-6 ta' Frar 2003, Auto Lease Holland (C-185/01, EU:C:2003:73, punt 32), u tat-8 ta' Frar 1990, Shipping and Forwarding Enterprise Safe (C-320/88, EU:C:1990:61, punti 7 u 8).

17 Sentenza tat-8 ta' Frar 1990, Shipping and Forwarding Enterprise Safe (C-320/88, EU:C:1990:61, punt 9).

46. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 14(1) u l-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT. Fil-kuntest tar-relazzjoni ta' kooperazzjoni mal-qrati nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi sa fejn possibbli għad-domandi tagħhom. Madankollu, id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tidher li hija bbażata fuq premessa żbaljata. Hija tidher li tikkunsidra li l-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT jippreżumi kunsinna fl-assenza tat-trasferiment tas-setgħa ta' dispożizzjoni fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT.

47. Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja darba ddeċidiet [18] li l-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT jikkostitwixxi *lex specialis* meta mqabbel mal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, iżda f'każ fejn tkun teżisti kunsinna skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT [19]. Dan tal-aħħar jippreżumi wkoll kunsinna fl-assenza ta' trasferiment tas-setgħa ta' dispożizzjoni [20]. Madankollu, din il-konklużjoni hija kontradetta mill-formulazzjoni u mill-istruttura tar-regola (f'dan ir-rigward, punti 48 u 49), l-istorja tagħha (f'dan ir-rigward, punti 50 u 51) kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet teleoloġiċi (f'dan ir-rigward, punti 52 *et seq*.).

48. Mill-formulazzjoni u mill-istruttura tal-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-VAT jirriżulta li l-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT huwa dejjem ibbażat fuq l-eżistenza ta' kunsinna. B'hekk, dan isemmi t-"trasferiment […] tad-dritt ta' proprjetà". It-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà huwa preċiżament il-każ klassiku ta' kunsinna skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT [21].

49. Id-dispożizzjoni parallela tal-Artikolu 25(ċ) tad-Direttiva dwar il-VAT tipprekludi wkoll ir-relazzjoni *lex specialis*. Fil-fatt, hija tippreċiża b'mod ċar ("*inter alia*") li l-provvista ta' servizzi msemmija fl-Artikolu 24(1) tad-Direttiva dwar il-VAT hija wkoll provvista ta' servizzi obbligatorji. Għaldaqstant, l-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar il-VAT għandu biss il-funzjoni ta' eżempju ta' regola. Din id-dispożizzjoni bl-ebda mod ma tippreżumi xi ħaġa. Din l-interpretazzjoni hija applikabbli wkoll għar-relazzjoni bejn l-Artikolu 14(1) u l-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT [22].

50. Din tikkorrispondi wkoll għar-rieda tal-leġiżlatur. L-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT joriġina mill-Artikolu 5(4) tas-Sitt Direttiva dwar il-VAT [23]. Min-naħa tagħha, din l-aħħar dispożizzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 5(2)(f) tal-proposta tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill [24]. Dan tal-aħħar kien jipprovdi: "Dawn li ġejjin għandhom ukoll jitqiesu bħala kunsinni fis-sens tal-paragrafu 1: f) trasferiment, b'rekwiżitorja ta' jew f'isem awtorità pubblika, tal-proprjetà ta' beni immobbli bi ħlas ta' kumpens, fejn it-trasferiment ta'dak il-beni immobbli bi ftehim privat ikun suġġett għat-taxxa" [traduzzjoni mhux uffiċjali],

51. Minn dan isegwi li s-sistema kienet intiża li tiżgura parallelliżmu għat-trattament VAT ta' trasferiment normali, mhux amministrattiv, u ta' trasferiment permezz ta' rekwiżitorja tad-dritt għall-proprjetà ordnat mill-awtoritajiet pubbliċi.

18 Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2018, Gmina Wrocław (C-665/16, EU:C:2018:431, punt 36), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja segwiet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek f'din il-kawża Gmina Wrocław (C-665/16, EU:C:2018:112, punt 47).

19 Fil-kuntest ta' din il-kawża, l-art li hija s-suġġett tat-trasferiment, tkompliet tiġi amministrata esklużivament mill-komun li kkonferixxa d-dritt għall- proprjetà. Għaldaqstant, l-amministrazzjoni ta' oġġetti ta' ħaddieħor ma tistax tiġi assimilata mas-setgħa ta' dispożizzjoni fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT. Minħabba li d-domandi preliminari ma humiex preċiżi, dan ma ġiex ikkunsidrat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

20 Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2018, Gmina Wrocław (C-665/16, EU:C:2018:431, punti 36 *et seq*.).

21 Ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, AREX CZ (C-414/17, EU:C:2018:1027, punt 78).

22 Ara s-sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-274/15, EU:C:2017:333, punt 88), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja stess tagħmel paragun bejn l-Artikoli 14(2)(ċ) tad-Direttiva dwar il-VAT u d-dispożizzjoni parallela dwar il-provvista ta' servizzi (Artikolu 28 tad-Direttiva dwar il-VAT).

23 Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1,p. 23).

24 Proposta tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (COM (73) 950 final).

52. Anki minn perspettiva teleoloġika, l-argument li l-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT joħloq kunsinna fittizja f'każ ta' assenza ta' trasferiment tas-setgħa ta' dispożizzjoni [25], ma huwiex konvinċenti.

53. Iż-żewġ alternattivi l-oħra previsti fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva dwar il-VAT jikkonfermaw dan. Fil-fatt, l-Artikolu 14(2)(b) jew (ċ) tad-Direttiva dwar il-VAT lanqas ma sempliċement iservu bħala li joħolqu kunsinna fittizzja. L-Artikolu 14(2)(b) tad-Direttiva dwar il-VAT sempliċement jispeċifika li teżisti, pereżempju, kunsinna fl-intier tagħha fil-kiri finanzjarju [26], irrispettivament mill-ordni ta' trasferiment tas-setgħa ta' dispożizzjoni ekonomika u, fl-aħħar mill-aħħar, tal-proprjetà.

54. Għan speċifiku jidher ukoll fir-rigward tal-Artikolu 14(2)(ċ) tad-Direttiva dwar il-VAT, li jikkonċerna t-tranżazzjonijiet tal-Kummissjoni. Għalkemm is-servizz ta' mandat tal-aġent lill-prinċipal essenzjalment ikollu jiġi ttrattat bħala provvista ta' servizzi skont l-Artikolu 24(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, l-Artikolu 14(2)(ċ) jikklassifika dan is-servizz bħala kunsinna fil-każ ta' kummissjoni ta' bejgħ. B'hekk, ir-regola tippreżumi żewġ kunsinni simili ta' oġġetti li jseħħu wara xulxin [27], sabiex jiġi żgurat il-paralleliżmu tat-tranżazzjonijiet bejn l-aġent u l-prinċipal kif ukoll bejn l-aġent u x-xerrej fl-evalwazzjoni tal-VAT.

55. Min-naħa l-oħra, fil-kuntest tal-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT, ma hemm ebda raġuni sabiex tiġi preżunta kunsinna fil-każ fejn il-proprjetà tiġi ttrasferita b'mod separat mis-setgħa ta' dispożizzjoni. Għall-kuntrarju, f'każijiet bħal dak inkwistjoni, tali interpretazzjoni twassal għal irduppjar tal-kunsinna, li jmur kontra s-sistema. L-istess oġġett, li diġà ġie kkunsinnat darba lix-xerrej, ma jistax jiġi kkunsinnat għat-tieni darba lill-istess xerrej. Ir-riskju ta' distakk fiskali ma jeżistix fid-dawl tal-elementi li jikkostitwixxu l-provvista ta' servizzi msemmija fl-Artikolu 24(1) tad-Direttiva dwar il-VAT.

56. Il-kontenut regolatorju tal-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT għalhekk sempliċement jispeċifika li trasferiment (forzat) ta' proprjetà abbażi tad-dritt pubbliku jaqa' taħt il-VAT bħala kunsinna, fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, jekk tranżazzjoni rregolata mid-dritt privat paragunabbli tikkostitwixxi tali kunsinna. Din il-konklużjoni hija kkorroborata, b'mod definittiv, mill-fatt li l-leġiżlatur hawnhekk seta' kien qiegħed jikkunsidra, b'mod partikolari, każijiet bħall-esproprjazzjoni jew l-eżekuzzjoni forzata [28]. Madankollu, ma huwiex ikkontestat li, fiż-żewġ każijiet, is-setgħa ta' dispożizzjoni tal-oġġetti hija ttrasferita.

C. Fuq it-tielet domanda: l-ebda attività bħala awtorità pubblika

57. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk, f'dan il-każ, il-komun jaġixxix bħala persuna taxxabbli fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-VAT. Jekk il-komun jirċievi t-tariffa għall-konverżjoni bħala korp irregolat mid-dritt pubbliku fl-eżerċizzju ta' attività li huwa għandu bħala awtorità pubblika, id-deroga prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-VAT tista' għalhekk teskludi tranżazzjoni taxxabbli.

58. Anki jekk, kif jissuġġerixxu l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Polonja, il-konverżjoni tad-dritt tal-użufrutt perpetwu meħtieġa skont il-liġi fil-Polonja għandha tikkonċerna fuq kollox, jew anki esklużivament, il-proprjetajiet immobbli ta' korpi rregolati mid-dritt pubbliku, l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar il-VAT ma huwiex rilevanti f'dan il-każ.

25 Għalhekk, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Gmina Wrocław (C-665/16, EU:C:2018:112, punt 52).

26 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Mercedes-Benz Financial Services UK (C-164/16, EU:C:2017:414, punt 41).

27 Sentenzi tal-4 ta' Mejju 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-274/15, EU:C:2017:333, punt 88), u tal-14 ta' Lulju 2011, Henfling, Davin, Tanghe (C-464/10, EU:C:2011:489, punt 35).

28 Għall-kunsinni mwettqa permezz ta' eżekuzzjoni forzata, ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2015, Macikowski (C-499/13, EU:C:2015:201, punti 33 *et seq.*).

59. L-isfond ta' din il-leġiżlazzjoni huwa li ċerti attivitajiet, minkejja li huma ta' natura ekonomika, huma marbuta mill-qrib mal-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika [29], li huma rriżervati biss għall-korpi rregolati mid-dritt pubbliku. Għalhekk, distorsjoni tal-kompetizzjoni tista' tiġi eskluża.

60. Għalhekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-korpi rregolati mid-dritt pubbliku jaġixxu bħala awtoritajiet pubbliċi biss jekk jaġixxu abbażi ta' sistema legali partikolari tad-dritt pubbliku u jekk ma jeżerċitawx attivitajiet fl-istess kundizzjonijiet legali bħall-operaturi privati [30].

61. La t-telf ta' proprjetà u lanqas il-ġbir tat-tariffa għall-konverżjoni ma jikkostitwixxu, f'dan il-każ, l-eżerċizzju ta' awtorità pubblika. Ċertament, il-liġi dwar il-konverżjoni tobbliga lill-komun iwettaq proċedura amministrattiva. Madankollu, it-tariffa dovuta mill-użufruttwarji perpetwi preċedenti ma hijiex stabbilita mill-komun bħala awtorità pubblika skont sistema legali partikolari tad-dritt pubbliku fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva.

62. Għall-kuntrarju, il-komun jirċievi l-ħlas fil-kwalità tiegħu bħala proprjetarju preċedenti tal-art. Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-fatt li l-konverżjoni skont il-liġi hija intiża li tirriforma fuq il-mertu, l-akkwist ta' artijiet pubbliċi li kien ipprojbit fi żmien il-komuniżmu, raġuni li għaliha, dak iż-żmien, kien intuża l-istrument tal-użufrutt perpetwu. It-trasferiment attwali tad-dritt għall-proprjetà huwa ppreżentat, minn perspettiva ekonomika, bħala t-tkomplija tal-għoti tal-użufrutt perpetwu (ara taħt 2. iktar 'il fuq). Kif tenfasizza wkoll ġustament il-Kummissjoni, l-obbligu ta' ħlas ta' tariffa huwa għalhekk marbut mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-użufrutt perpetwu fuq l-artijiet li jappartjenu lill-komun. Madankollu, din il-miżura għandha l-bażi tagħha fid-dritt ċivili.

63. Minħabba dan il-fatt, meta rċieva l-pagamenti tal-użufrutt perpetwu, il-komun aġixxa wkoll bħala persuna taxxabbli. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda raġuni sabiex l-attività tal-komun tiġi kklassifikata b'mod differenti minn kif kienet qabel.

64. F'dan ir-rigward, il-Liġi dwar il-Konverżjoni hija bla ħsara għan-natura ġuridika (ċivili) tat-tariffa. Dan huwa kkonfermat mill-Artikolu 12(2) tal-Liġi dwar il-Konverżjoni. Fil-fatt, dan tal-aħħar jirreferi espressament għall-Artikolu 12(a) tal-Liġi dwar l-Amministrazzjoni tal-Proprjetà Immobbli, li jirregola n-natura ġuridika ċivili tat-tariffi rċevuti mill-użufruttwarju perpetwu.

D. Konklużjoni

65. Għalhekk, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1. Il-konverżjoni tad-dritt ta' użufrutt perpetwu fuq proprjetà immobbli għal dritt għall-proprjetà, bħal f'dan il-każ, li seħħet skont il-liġi, tikkostitwixxi kunsinna ta' oġġetti, fis-sens tal-Artikolu 14(1) moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, li hija suġġetta għall-VAT.

2. Komun li jiġbor għall-konverżjoni tad-dritt ta' użufrutt perpetwu fuq proprjetà immobbli għal dritt għall-proprjetà skont il-liġi, bħalma huwa l-każ fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, jaġixxi bħala persuna taxxabbli fis-sens tal-Artikolu 9(1) u mhux bħala korp irregolat mid-dritt pubbliku fis-sens tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2006/112.

29 Sentenza tas-16 ta' Settembru 2008, Isle of Wight Council *et* (C-288/07, EU:C:2008:505, punt 31).

30 Sentenzi tat-13 ta' Ġunju 2018, Gmina Wrocław (C-665/16, EU:C:2018:431, punt 48), tas-16 ta' Settembru 2008, Isle of Wight Council *et* (C-288/07, EU:C:2008:505, punt 21),tat-12 ta' Settembru 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-260/98, EU:C:2000:429, punt 35), u tal-14 ta' Diċembru 2000, Fazenda Pública (C-446/98, EU:C:2000:691, punt 17).